# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Kumpilazzjoni Nru.: 72/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**
**Vs**
**Joe Decelis**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Joe Decelis li għandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 48683(M) li permezz tagħha ġie akkuzat li:

1. Talli nhar l-14 ta' Jannar 2017 ghall-ħabta ta' 13:30Hrs waqt li kien ġewwa Triq Inez Soler, Santa Lucija u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' basket bid-dokumenti u/jew oġġetti oħra minn vettura ta' l-għamla Peugeot 406 bin-numru tar-reġistrazzjoni BBZ214 għad-detriment ta' Charlot Farrugia minn Santa Lucija u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi laqa' għandu jew xtara għandu ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

3. Akkużat ukoll talli nhar it- 2 ta' Frar 2017 għall-ħabta ta' 13:00Hrs waqt li kien ġewwa Triq Ċensu Borg, il-Ħamrun u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' basket b'kotba fih, 'credit card' u/jew oġġetti oħra għad-detriment ta' Carmel Azzopardi mill-Pieta u/jew

persuni oħra liema serq huwa ikwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, cioe ħsara fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HBN771 ta' l-għamla Citroen Picasso liema ħsara tammonta għall-anqas minn 250 Euros għad-dannu ta' Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra u /jew entitajiet oħra;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi laqa' għandu jew xtara għandu ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
6. U aktar talli fl-istess data tat-2 ta' Frar 2017 fil-Ħamrun u/jew f'dawn il-gżejjer għal ħabta tas-14.15hrs u ħinijiet bil-ħsieb li jagħmel delitt ura dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt cioe' billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'ohra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, ittenta jagħmel qliegħ bi ħsara ta' Carmel Azzopardi mill-Pieta u / jew persuni oħra.

Il-Qorti rat l-imputazzjonijet;

Rat id-dokumenti;

Semghet lix-xhieda;

Ikkunsidrat li f'dan il-każ li mill-provi mressqa quddiemha, il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raguni li l-imputat wettaq ir-reati imputati lilu skont dak li kien ġie imsemmi mill-Prosekuzzjoni fil-komparixxi.

Ikkunsidrat ukoll li matul il-kors ta' din il-kawża l-Qorti qeghdet lill-imputat taħt ordni ta' superviżjoni li filfatt kien qiegħed jiġi mwettaq. Rat ukoll li matul ix-xhur u s-snin li għaddew l-imputat irreġistra kambjament sostanzjali fl-imġieba tiegħu anke skont dak li ġie mistqarr lil din il-Qorti mill-Uffiċjali tal-Probation illi kienu qed isegwuh mhux l-anqas mill-Uffiċjal Joe Mizzi.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-piena li għandha tingħata għandha tkun waħda li tinkludi fiha element ta' superviżjoni in kwantu l-Qorti ma tridx illi l-progress li sar jispiċċa f'rigress b'xi forma ta' piena oħra.

*DECIDE:*

Għaldaqstant wara li rat l-Artikoli 18, 41, 261 (a) u (g), 264 (1), 271 (g), 284, 308, 325 (1) (c), 340 (c), 151, 49, 50 u 286 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li qiegħda ssib lill-imputat Joe Decelis ħati tal-imputazzjonjiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu, tqis li f'dan il-każ hemm iċ-ċirkostanzi imsemmija mill-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant qiegħda tqiegħed lil Joe Decelis taħt ordni ta' Probation għall-perjodu ta' tlett snin mil-llum skont dawk il-kundizzjonijeit li huma mniżżla u elenkati fl-istess digriet li qed jiġi mehmuż ma' din is-sentenza u li jifforma parte integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li spjegat bi kliem ċar u li jinfthiem lill-ħati l-ordni ta' Probation u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jonqos milli josserva skrupolożament l-imsemmi ordni ta' Probation.

Inoltre, il-Qorti rat illi f'dan il-każ ma jirriżultawx li saru spejjeż Peritali.

***Mogħtija illum 7 ta' Frar, 2019 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***
***Aaron M. Bugeja***